# KNISJA KATIDRALI GHAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali: Tel: 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**

**Ħinijiet: Filgħodu** Tnejn/Erbgħa/Ġimgħa: Mit-8:30am - 10:30am, **Filgħaxija:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Mill-5:00pm - 7:00pm

Arċ Mons. Ġ Attard 9984 7099/21566988(Dar) • monsjosephattard@gmail.com • Dun Joseph Sultana 7993 5314 • Dun Joe Calleja 9944 7718, Librerija Pubblika 2156 0479




## 59 ANNIVERSARJU MILL-PROKLAMAZZJONI TAD-DOMMA TAL-ASSUNTA MILL-MIBKI BEATU PIJU XII

L-1 ta' Novembru għandu tifsira speċjali fl-istorja tal-Katidral. Id-domma ta' l-Assunta kienet ilha mixtieqa mijiet ta' snin u fl-aħħar il-Papa Piju XII ħabbar li sejjer jilqa' t-talba li saret minn madwar id-dinja kollha nhar l-1 ta' Novembru tas-Sena Mqaddsa 1950. F'mijiet ta' twieqi tad-djar fir-Rabat u fl-irħula tpoġġew xbiehat ta' Santa Marija.

Fil-31 ta' Ottubru, 1950, lejlet il-proklamazzjoni tad-domma, il-vara ta' Santa Marija kienet esposta fid-daħla tal-*Banca Giuratale* fit-Tokk għall-qima tal-fidili. Kienu eluf l-Għawdxin li dakinhar u l-għada marru jqimuha. Inx-tegħlu quddiemha geġwiġija ta' xama'.

L-għada, 1 ta' Novembru, il-Banda Leone u numru kbir ta' nies immarċjaw lejn il-Katidral. Hemmhekk semgħu l-Papa Piju XII jaqra l-Bolla *Munificentissimus Deus* li permezz tagħha, iddikjara t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem bħala domma tal-fidi kattolika. Dan sar permezz ta' loudspeaker ikkomunikat ma' radju armat fuq il-presbiterju tal-Katidral. Mal-proklamazzjoni, il-qniepen tal-Katidral u tal-knejjes kollha ta' Għawdex infexxew f'mota ta' siegħa u nħarqet ukoll kaxxa nfernali. **Infakkru dan l-avveniment billi nhar il-Ħadd, 1 ta' Novembru, nieħdu sehem bi ħġarna fil-Pontifikal tal-Qaddisin kollha u li jfakkar ukoll dan l-anniversarju. Jibda fis-6.00 pm.**

- **Trasport għat-Tfal wara il-Quddiesa tal-Familja:** Dawk il-familji, li jixtiequ jħallu t-tfal tagħhom għall-attivitajiet u logħob wara il-quddiesa tal-familja, tal-10.30 am tal-Ħadd, u ma jistgħux jistennewhom jew jerġgħu jiġu għalihom wara, il-parroċċa tieħu l-ħsieb li twassalhom id-dar bil-vann. Biżżejjed tkellmu lill-Arċipriet jew lis-Seminarista Massimo Buttigieg. Hija ħaġa sabiħa li t-tfal tagħna jiċċelebraw il-Ħadd, Jum il-Mulej b'mod ta' ferħ bejniethom.

- **IL-GRUPP MISSJUNARJU GĦAWDXI:** Twaqqaf f'2 ta' Ottubru 1982 b'inizjativa ta' Isqof Mons. N. Cauchi u Dun Mikiel Attard. Għan principali biex inissel interess u joffri tagħrif ieħor missjunarju l-iktar fost il-lajċi żgħażagħ ħalli jikbru fl-imħabba lejn ħuthom fil-missjoni. Wettaq esperjenzi missjunarji fil-Kenja, Tuniżija, Pakistan, Brażil, India, Etjopia, Sqallija,u Peru. Jiltaqa' fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', kull l-ewwel Sibt tax-Xahar, fil-5.00pm. **Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru, wara l-quddiesa tas-6:00pm il-grupp missjunarju Għawdxi jmexxi l-adorazzjoni ewkaristika b'talb għal missjonijiet.**

- **KATEKEŻI LITURĠIKA GĦALL-POPLU T'ALLA:** Din ser tinżamm fis-Santwarju ta' Pinu nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru, fis-7:00pm. Il-katekezi ssir minn Kan Joseph Sultana, bis-suġġett ***"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi!"*** (Lq 22,19). Inħeġġu lill-parruċċani tagħna sabiex jattendu għal dawn il-mumenti ta' riflessjoni bi tħejjija għall-**Kungress Ewkaristiku** organizzat fid-djoċesi tagħna matul dawn il-ġimgħat.
- **2 TA' NOVEMBRU: NIFTAKRU F'ĦUTNA L-MEJTIN:** Il-quddies fil-Katidral ikun hekk: 5.00am, 5.20am, 5.40 am, 6.00 am, 6.20am, 6.40 am, 7.00am, 7.20am, 7.40 am, 8.00 am, 8.20 am, 9.30 am (Centru), 9.50 am (Centru), 12.00pm, 12.30pm, 6:00pm Pontifikal minn Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem tar-Rev. Kapitlu u Kleru. Ikanta l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. L-aħħar quddiesa tkun fis-7:15pm.
- **IRTIR MILL-APPOSTOLAT TAL-ĦNIENA DIVINA:** Nhar il-Erbgħa, 4 ta' Novembru bejn id-9:00am—12:30pm fil-Kunvent ta' Santu Wistin r-Rabat. Il-kelliem ikun Mons Ewkaristiku Sultana. Bookings mingħand Frances Portelli (21558525) u mill-Uffiċċju Parrokkjali (21554101). Prezz € 3.
- **NIFTĦU L-BOOKINGS GĦALL-QUDDIES GĦAS-SENA 2010:** Nixtiequ nfakkrukom li nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru ser nibdew naċċettaw il-bookings tal-quddies għas-sena 2010. Il-ġranet huma mit-Tlieta sal-Ġimgħa bejn il-5.00am u s-7.00pm. ***Navżawkom li ma jiġux aċċettati bookings minn fuq it-telephone, u li l-bookings jiġu aċċettati biss għand Fr. Joe Calleja.***
- **IKLA TA' SAN MARTIN B'RISQ IS-SEMINARJU:** Nhar is-Sibt, 14 ta' Novembru fis-7:00pm. Biljetti jiswew €15 għal kbar u €6 għat-tfal u jinkisbu mingħand id-dami tas-Seminarju. Inħeġġukom tgħinu s-Seminarju billi tattendu.

| | |
|---|---|
| 01.11.09 | 4.45am Grezzju Tereża u familja Vella, 5.45am Fredu u Marija Pace, 6.45am Carmen Camilleri, 7.45am George Sultana u Begningna Attard, 10.30am Emanuel Caruana u familja Gatt, 12.00pm Fredu, Olga Cauchi u Reggie Spiteri, 5.00pm Adrian Agius, 6.00pm **Pontifikal**, 7:15pm Louis Abela. |
| 02.11.09 | **Tifkira ta' Ħutna li Raqdu fis-Sliem ta' Kristu** |
| 03.11.09 | 5.30am Salvu Farrugia, 6.15am Mons. Salvinu Scicluna, 7.30am Familja Refalo u Masini, 8.00am Anton Galea, 6.00pm Rafel u Marija Conti, 7.15pm Louis Bonnici. |
| 04.11.09 | 5.30am Joseph Carmela u Saver Micallef, 6.15am Familja Scicluna u Said, 7.30am Ġorġa Cordina, 8.00am Michael Debrincat, 6.00pm Elija Mercieca, 7.15pm Joseph u Ġorġa Agius. |
| 05.11.09 | 5.30am,6.15am,7.30am Rożina u familja Debono, 8.00am Luigi u Marija Grech u familja Tabone, 6.00pm Francis Agius, 7.15pm Dr. Michael Grech u Dola Galea. |
| 06.11.09 | 5.30am Familja Apap u Cassar, 6.15am M'Jane Cordina, 7.30am Wiġi Axiaq u l-familja, 8.00am Joseph Grech, 6.00pm Familja Tabone, 7.15pm Familja Grech. |
| 07.11.09 | 5.30am Marija Pavia, 6.15am George u Carmela Portelli, 7.30am M'Assunta Xuereb, 8.00am Sidor Mizzi, 6.00pm Tarċisja Zammit, 7.15pm Familja Buttigieg. |

*Grazzi*

Il-ġbir mill-envelopes li saret mid-djar taż-żewġ parroċċi tar-Rabat b'risq il-missjonijiet u miġbura miż-żelatriċi bieb bieb laħqet is-somma ta' €6,755. Nirringrazzjawkom minn qalbna tal-ġenerożità tagħkom.